KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA’ LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 52

**Il-Ħamis 23 ta’ Frar 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa’ fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 52.1 Qari tal-Apoloġiji

52.1.1 Is-SE infurmat li ma kien hemm ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Dr Attard. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 51

52.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

52.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 51 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 52.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

52.3.1 Is-Sindku informa li r-Reġjun reġa' wasal biex joħroġ it-tender tad-dawl u se tiġi ppubblikata wkoll offerta ġdida għal forniment ta' bozoz, arbli, *floodlights*, arbli dekorattivi, eċċ.

52.3.2 Is-Sindku informa li Depiro Sports Club kienu ssuġġerew li jorganizzaw *Active Week*. Kien hemm qbil li ninvolvu lill-iscouts u entitajiet oħra li jistgħu jkunu interessati.

52.3.3 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha ssir żjara tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.

52.3.4 Is-Sindku informa li aktar kmieni hu u s-SE kienu attendew għal laqgħa dwar il-ġbir tal-iskart fejn ġew infurmati li l-ħlas tal-ġabra se jkun ikkalkulat fuq kemm jintrema skart. Barra minn dan, kull Kunsill se jkun qed jgħaddi 70% tal-allokazzjoni tal-iskart lir-reġjun biex dan ikollu likwidità biex iħallas lill-kuntrattur.

52.3.5 Is-Sindku informa li kienet irċeviet kommunikazzjoni lura mill-GreenMT dwar ix-xewqa tal-Kunsill li jitneħħew il-Bring In sites kollha u dawn infurmaw li l-liġi titlob li jkun hemm *recycling point* kull 2000 abitant u li jekk il-Kunsill jinsisti li jneħħi s-servizz l-Awtorità kompetenti, l-ERA, taf tieħu passi kontra l-Kunsill. Għaldaqstant kien hemm qbil li nħallu biss il-BIS ta' Wesgħat il-Freżja (wara Binja Tifkiriet Puniċi) u nneħħu ta' Triq ir-Reġimenti Maltin u Triq il-Ward/Gregorio Carafa.

52.3.6 Is-Sindku informa li kienet se tintbagħat ittra lill-Awtorità tal-Artijiet dwar allegazzjoni li residenta kienet għalqet biċċa art li allegatament hija pubblika fi Triq ta' Paroli.

## 52.4 Kwotazzjoni għal Air Conditioners ġodda

52.4.1 Is-SE infurmat li żewġ *air conditioners* li jinsabu fil-binja, wieħed minnhom fl-uffiċċju tagħha, kienu nstabu li ma jistgħux jiġu rranġati aktar u għaldaqstant inġabu kwotazzjonijiet għalihom. Kien hemm qbil li jinxtraw tnejn, wieħed għall-uffiċċju tas-SE u ieħor għas-sala.

## 52.5 Project Green

52.5.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew għal *breakfast meeting* kif ukoll għal laqgħa mas-CEO ta' Project Green fejn kienu preżentaw il-proġett li kellu f'moħħu l-Kunsill, jiġifieri l-kreazzjoni ta' foresta tal-frott bejn l-eks barracks.

52.5.2 Huwa informa li dan intogħġob u għaldaqstant min-naħa tas-SE, il-periti u l-inġiniera tal-Kunsill kienet inbdiet ħidma biex titlesta d-dokumentazzjoni neċessarja biex tiddaħħal applikazzjoni sat-28 ta' Frar 2023. Kemm-il darba jiġi approvat, il-Kunsill seta' jieħu 90-95% tal-fondi għal dan il-proġett.

52.5.3 Is-SE issuġġeriet li biex il-Kunsill ikun jista' jiġġenera ftit fondi aktar għal dan il-proġett u xejn xejn idaħħal ftit il-mentalità li s-siġar huma tar-residenti stess, issir skema simili ta' dik ta' 34U fejn ir-residenti setgħu jixtru siġra u titwaħħal plakka magħha bl-isem tal-persuna/dedika. Din setgħet tkun fuq bażi ta' donazzjoni. L-istess ħaġa setgħet issir bi plakka fuq xi bankijiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

52.5.4 Sadanittant minħabba li se tiddaħħal biss DNO u għaldaqstant ma kienx hemm ħin li ssir applikazzjoni sħiħa, il-Kunsill ma setgħax ikompli bl-idea ta' *water feature* u minflok se jitkompla l-planter u jiddaħħlu aktar siġar u post fejn wieħed ipoġġi.

52.5.5 Sadanittant, is-Sindku informa li l-proġett kien jolqot il-kriterji kollha ta' Project Green u dawn kienu diġà infurmaw lill-Kunsill li kemm-il darba l-proġett jista' jitlesta sal-aħħar tas-sena 2023, il-proġett kellu possibbiltà kbira li jkun wieħed mill-magħżula.

52.5.6 Kien hemm qbil li s-SE għandha ttella' post fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill wara li tiddaħħal l-applikazzjoni.

52.2.7 Is-SE se tkun qed iddaħħal l-applikazzjoni sa nhar it-Tlieta f'nofsinhar.

## 52.6 Update dwar il-Proġett tal-Visitors Centre

52.6.1 Is-SE infurmat li kien hemm talba għal varjazzjoni fil-prezz min-naħa tal-kuntrattur tal-Finishes minħabba li ma setgħax jitqabbad sewwa l-membrane minħabba li ċertu postijiet fuq il-bejt ma kinux lixxi biżżejjed. Kien hemm qbil li s-SE għandha tmexxi bix-xogħlijiet.

52.6.2 Infurmat ukoll li kien hemm xi varjazzjoni oħra fir-rigward tal-kuntratt tal-M&E's minħabba li kien hemm il-ħtieġa li jgħaddu xi servizzi b'mod differenti minn dak oriġinarjament maħsub. Se jkun hemm varjazzjoni wkoll fl-ispecifications tal-outdoor units tal-A/Cs minħabba li m'hemmx spazju biżżejjed għalihom fix-xaft. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tmexxi bil-varjazzjonijiet.

52.6.3 Varjazzjoni oħra kienet dik dwar il-kuntratt tal-ELV's fejn kien qed jiġi propost li minflok is-sistema li tpoġġiet fuq id-dokument tal-offerta fl-2019, ċioe għal screen u overhead projector, minflok jinbidel għal Smart TV kbir imwaħħal mal-ħajt u li jkun jista' jintuża kemm għall-filmat tal-VC kif ukoll għal matul xi attività oħra fejn wieħed ikun irid juri presentation b'mod sempliċi fejn titqabbad biss l-HDMI ma' laptop. Il-Kunsill qabel ma' din il-varjazzjoni.

52.6.4 Sadanittant ukoll għaddejjin b'kommunikazzjonijiet u laqgħat ta' koordinament biex jitkompla x-xogħol fuq ġewwa tal-VC. Fil-ġranet li ġejjin se jkun qed isir il-membrane fuq il-bejt tal-binja u se jitkompla x-xogħol tal-M&E's.

52.6.5 Min-naħa tagħha qed tinsisti mal-kuntratturi biex ix-xogħol kollu jitlesta sal-aħħar ta' Ġunju għaliex wara hemm proċess burokratiku fejn sal-aħħar ta' Settembru, il-Kunsill irid ikun iċċertifika, ħallas u ġabar id-dokumentazzjoni kollha biex jingħalaq il-proġett.

52.6.6 Hawnhekk ġibdet l-attenzjoni li l-kuntratt tal-Project Management ta' dan il-proġett kien jiskadi fl-aħħar ta' Marzu 2023. Minħabba li d-data tal-proġett kienet ġiet estiża (u approvata) biex tkun it-30 ta' Settembru 2023, kienet qed titlob li ssir estensjoni oħra għal dan il-kuntratt sabiex jassisti fil-proċess burokratiku tal-għeluq tal-proġett. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

52.6.7 Hawnhekk is-Sindku informa li kellu talba minn Depiro Sports Club biex jagħmlu użu miċ-ċentru meta jiftaħ. Kien hemm qbil li s-Sindku, l-Viċi Sindku u s-SE għandhom jiddiskutu magħhom dwar din il-proposta.

52.6.8 Is-Sindku informa li nhar id-9 ta' Marzu fl-10:00am kienu se jagħmlu żjara ta' kortesija l-Onor. Chris Bonett u l-Onor. Silvio Schembri biex jaraw ix-xogħlijiet fuq l-arloġġ u fuq il-*Visitors Centre*.

## 52.7 Kwotazzjoni tal-*Accountant* tal-Kunsill

52.7.1 Is-SE infurmat li l-*Accountant* tal-Kunsill kienet bagħtet kwotazzjoni għas-servizz tagħha għal €454.30 fix-xahar (VAT inkluża) b'effett minn Jannar 2023.

52.7.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 52.8 Servizz ta' *Project Management*

52.8.1 Is-Sindku informa li minħabba li matul din is-sena, il-Kunsill se jkollu għaddejja 3 proġetti kbar, ikun għaqli li s-SE ikollha ftit għajnuna fuq ko-ordinament minħabba li dan ma jistax isir mill-uffiċjali amministrattivi.

52.8.2 Għaldaqstant kien qed jipproponi li l-fond ivvutat fuq il-*Contracts Management* għal din is-sena jintuża minflok għal servizz ta' *project management*.

52.8.3 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li s-SE iġġib kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

## 52.9 Approvazzjoni tal-*Business Plan* għall-perjodu 2023-2027

52.9.1 Is-SE infurmat li kienet iċċirkulat kopja tal-*Business Plan* permezz tal-email flimkien mal-aġenda.

52.9.2 L-Accountant, li ngħaqdet mal-kunsill, infurmat li l-*business plan* kien jirrifletti l-ispejjeż kapitali li se jsiru matul is-snin li ġejjin skont il-proġetti li infurmata li kienu se jsiru s-SE, fosthom tax-xiri tal-pannelli għal fuq il-bejt, il-proġett ta' Pjazza San Oswald u Project Green.

52.9.3 Hija ġibdet l-attenzjoni li kienu se jkunu snin iebsin ħafna għall-Kunsill Lokali għaliex dawn il-*commitments* kienu se jirristringu l-*cash flow* tal-Kunsill imma jekk il-Kunsill ikompli jimxi fuq il-passi ta' dawn l-aħħar snin u ma jidħolx għal spejjeż li ma jkunx hemm baġit għalihom kif ukoll proġetti kbar oħra, u jimxi mal-projections li saru, ma kellux ikun hemm problemi.

52.9.4 Ir-rapport ġie approvat u ffirmat.

## 52.10 Punti Oħra

52.12.1 Is-Sindku informa li Triq is-Sardinell tidher fuq numru ta' kuntratti tal-garaxxijiet li hija triq privata. Min-naħa l-oħra numru ta' residenti qed jirċievu ċitazzjonijiet minħabba parkeġġ illegali f'din it-trejqa. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha tingħata ittra lil kull min irċieva xi ċitazzjoni biex tiġi preżentata lill-Kummissarju tal-Ġustizzja sabiex possibbilment iċ-ċitazzjonijiet jiġu irtirati.

52.12.2 Is-Sindku informa li resident talab li jitħalla jokkupa spazju żgħir ġo planter biswit ir-residenza tiegħu għal żmien qasir. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinħareġ permess min-naħa tal-amministrazzjoni għal depożitu ta' materjal għat-tul li qed jispeċifika l-individwu.

52.12.3 Is-SE infurmat li għalkemm min-naħa tagħha kienet bagħtet kommunikazzjoni lill-Aġenzija Sapport dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill kontra li jsir il-*hoarding* u kienet saret anke laqgħa fil-preżenza tagħha u tas-Sindku ma' rappreżentant tagħhom, l-AS xorta waħda mexxiet bil-pjanijiet tagħha u għalqet l-aċċess. Min-naħa l-oħra, minħabba li nstabu xi kommunikazzjonijiet għaddejja u x-xogħol kellu jieqaf temporanjament, kien għallanqas infetaħ aċċess temporanju.

52.12.4 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-kwistjoni tal-Imtarfa Drama kienu ntbagħatu aktar kommunikazzjonijiet fejn is-Sindku insista li jagħtu data għal-laqgħa u li jgħaddu l-informazzjoni għall-attenzjoni tal-Kunsill, bħal minuti tal-aħħar żewġ AGM's, lista tal-membri attivi u lista tal-attivitajiet li nżammu mill-2019 'l hawn. S'issa ma kien hemm ebda risposta.

52.12.5 Is-SE infurmat li kellha talba mir-residenti li joqogħdu fi Triq ta' Slampa biex jingħata xi konkos minħabba li hemm ħofor kbar ħafna u huwa diffiċli immens li wieħed jgħaddi bil-vetturi. Is-SE infurmat li jidher li hemm bżonn madwar 3 jardi konkos biex għallanqas tittaffa xi ftit mill-problema. Il-Kunsill approva li jsir dan ix-xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill.

52.12.5 Is-SE infurmat li kien hemm talba biex issir sleeping policeman fi Triq San David viċin ta' Triq il-Ferrovija. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li m'għadnhiex issir għaliex hemm ħafna talbiet simili tul it-triq prinċipali kollha.

52.12.6 Hawnhekk is-Sindku fakkar lis-SE biex tieħu ħsieb tikkomunika mal-avukat li ntagħżel mill-Kunsill biex jinbeda l-kuntratt il-ġdid skont il-kwotazzjonijiet li ġew sottomessi. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu wkoll iwaqqaf il-kuntratt tad-DPO li għandu fil-preżent u jżid ammont addizzjonali ma' dak tal-avukat il-ġdid biex hekk jagħmel gwadann b'mod ġenerali.

52.12.7 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar ilment li ddaħħal għandhom dwar ilma li qed jidħol fil-garaxxijiet ta' taħt il-parkeġġ ta' faċċata tal-Għassa fejn dawn kienu qed jitolbu lill-Kunsill x'azzjoni tista' tittieħed biex din il-ħsara tkun irranġata. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ngħidulhom li dan mhux spazju devolut lill-Kunsill Lokali.

52.12.6 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni wkoll dwar ilment ieħor li kellha dwar ilma li qed jidħol fil-garaxxijiet ta' taħt Binja Marġ minn bejn il-bankina u l-binja. Hija infurmat li skont ir-residenta li kitbitilha dawn huma garaxxijiet mixtrija. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li dawn ir-residenti għandhom jitkellmu mal-amministratur tal-binja tagħhom u jitolbu li dan isir bħala parti mill-manutenzjoni tal-komun tal-binja.

52.12.7 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-iskrivana li ġiet impjegata l-aħħar kienu se jgħaddulha s-sitt xhur tal-*probation* u għaldaqstant talbet lill-Kunsill biex japprova l-impjieg tagħha. Il-Kunsill approva.

52.12.8 Hawnhekk il-Kunsill qabel li s-SE għandha tibda l-proċess tal-ingaġġ tal-iskrivan/a għas-servizz ta' <u>receptionist</u> għall-*Visitors Centre* sabiex tilħaq tkun bdiet tidra l-proċessi qabel issir l-inawgurazzjoni. Is-SE infurmat li kienet se ddaħħal it-talba għal skrivan/a fuq 20 siegħa fil-ġimgħa skont l-iskala approvata fil-baġit (16).

52.12.9 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni lura mid-DLG u dawn kienu infurmaw li t-talba tal-Kunsill għall-fondi tal-aġġustament kienet ġiet approvata.

52.12.10 Is-Sindku infurmat li kien hemm bżonn li tinxtara pompa ġdida għall-bosk għax il-qadima għandha b'madwar €300 - €400 ħsara. Hija infurmat li kienet ġabet xi kwotazzjonijiet biex tinxtara waħda ġdida. Kien hemm qbil li għandha tinxtara l-pompa biex ix-xogħol tat-tisqija u l-irrigazzjoni jkun jista' jitkompla.

52.12.11 Is-SE infurmat li kienet kitbitilha Maria Gatt f'isem il-kuntrattur tal-Iskart fejn qed tikkontesta l-pagament li ngħatalhom minħabba li ma kinux daħħlu l-iskart fil-ġurnata għal aktar minn darba u mingħajr ma avżaw lill-Kunsill jew lill-Wasteserv. Il-Kunsill tenna li mhux se jirtira mid-deċiżjoni tiegħu speċjalment għaliex fil-każ tal-iskart organiku, il-Kunsill spiċċa minn taħt għaliex ħallashom ta' nofs rata fil-ġurnata u ma daħħal ebda kumpens lura min-naħa tal-Wasteserv.

52.12.12 Is-SE fakkret li matul il-ġimgħa li ġejja kienu se jinżammu laqgħat mas-CEO tal-Awtorità tad-Djar kif ukoll mal-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi fir-rigward tal-proġett tal-Pjazza.

52.12.13 Wara l-kwistjoni li nqalgħet dwar l-Iskola Primarja fejn l-istudenti kollha ġew evakwati u mibgħuta ġo skola fl-Imsida minħabba periklu li hemm fl-Iskola tal-Imtarfa, kien hemm qbil b'mod unanimu, li għandha ssir stqarrija pubblika min-naħa tal-Kunsill Lokali fid-dawl li bħala Kunsill kien qed jaqbel mar-residenti li din il-binja għandha tibqa' għall-użu tal-komunità Mtarfija filwaqt li għandha tiġi preservata u rrestawrata u jitneħħilha kwalunkwe periklu u ħsara min-naħa tal-awtoritajiet.

52.12.14 Is-Sindku informa li kienet se tinżamm laqgħa mar-residenti tal-Housing Estate dwar antenna tal-5G li twaħħlet fuq residenza.

## 52.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

52.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 02/2023), kopja tagħha mehmuża.

52.13.2 Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 52.14 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

52.14.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 28 ta' Marzu 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 28 ta' Marzu 2023.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |